MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 280/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Awissu, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Settembru 2004, gewwa

Pajjiz barrani, liema zwieg gie registrat hawn Malta in forza ta' Att taz-Zwieg numru 17 / 2005, minn liema zwieg ma twieldu ebda tfal; u

Illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg msemmi nkiseb bi vjolenza morali u biza'; u

Illi ghal dan iz-zwieg il-konvenut ta l-kunsens tieghu ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamel dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga tieghu, u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fis-26 ta' Settembru 2004, celebrat gewwa Pajjiz barrani u debitament registrat hawn Malta in forza tal-Att taz-Zwieg numru 17 / 2005 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-28 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-Kuraturi eccepew:

1. Illi l-ecipjenti m'humiex edotti mill-fatti u qieghdin jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit tal-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-26 ta' Settembru 2004 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (a) (c) u (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuti ma kinux f'posizzjoni li jressqpu provi ghaliex mhux maghruf fejn jinsab il-konvenut illi huwa assenti minn Malta izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell

fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz bhal dak odjern.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (a) – li l-kunsens inkiseb bi vjolenza;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b’qerq dwar il-kwalita’ tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista’ jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Skond dak li qalet l-attrici hija marret l-Egittu mhux biex tizzewweg izda btala mal-konvenut u kien meta kienu hemmhekk li bdiet tigi mhedda mill-konvenut biex huma jizzewgu. Dejjem skond l-attrici l-iskop tal-konvenut kien biss li jkun jista’ jghix Malta *una volta* jkun mizzewweg lilha. Fil-fatt meta gew lura Malta huma mill-ewwel ma baqghux jghixu flimkien. Ghalhekk it-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-26 ta’ Settembru, 2004. L-ispejjes jithallsu mill-konvenut, izda l-attrici ghandha thallas provizorjament id-drittijiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------